

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2022 – Levantur vs EUIPO – Fantasia Hotels & Resorts  
(LUXURY BAHIA PRINCIPE FANTASIA Don Pablo Collection)**

(Kawża T-505/22)

(2022/C 380/30)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Levantur, SA (Murcia, Spanja) (rappreżentanti: G. Marín Raigal, E. Armero Lavie u C. Caballero Pastor, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Fantasia Hotels & Resorts, SL (Zaragoza, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġeneral

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva LUXURY BAHIA PRINCIPE FANTASIA Don Pablo Collection – Trade mark tal-Unjoni Nru 16 020 547

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Mejju 2022 fil-Każ R 1973/2020-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u, jekk ikun il-każ, lill-intervenjenti (FANTASÍA HOTELS & RESORTS, SL), għall-ispejjeż relataji mar-rikors preżenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- tikkundanna lill-parti li talbet il-kanċellazzjoni, FANTASÍA HOTELS & RESORTS, SL, għall-ispejjeż relataji mal-proċedimenti ta' appell R 1973/2020-1 u ta' kanċellazzjoni Nru 36444 C.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 16(1)(b), tal-Artikolu 7(2)(d), tal-Artikolu 8(5), u tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625, kif ukoll tal-prinċipji ta' motivazzjoni, ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba;
- Ksur tal-Artikolu 60(1)(c), tal-Artikolu 8(4), tal-Artikolu 95(1), u tal-Artikolu 97(1)(f) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-Artikolu 7(2)(d), u tal-Artikolu 10(3) u (4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625, kif ukoll tal-ġurisprudenza stabbilita;
- Ksur tal-Artikolu 8(1), tal-Artikolu 60(1)(c) u tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2022 – Sastela vs EUIPO – Zenergo  
(Tante Mitzi Caffè CAFFÈ – STRUDEL – BARETTO)**

(Kawża T-510/22)

(2022/C 380/31)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Sastela, proizvodnja peciva in tort, d.o.o. (Ljutomer, is-Slovenja) (rappreżentant: U. Pogačnik, avukat)